# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.13

**Kap 1: Id-Dinja sabiħa!**

**Lezzjoni 1.13 – Kemm huma sbieħ l-istaġuni!**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**




1. Jitgħallmu li s-sena maqsuma f'erba' staġuni.
2. Jitgħallmu liema huma l-istaġuni u jifhmu wkoll għaliex huma importanti.
3. Jifhmu kemm aħna apprezzati minn Alla billi tana dak kollu li neħtieġu.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- *Powerpoint* L-Erba' Staġuni
- *Karta ta' taħriġ 1.8: Kemm huma sbieħ l-istaġuni!*



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Introduċi l-lezzjoni billi fuq  il-bord, pinġi b'mod li jifhmu t-tfal speċi ta' *time frame.*
- Spjega li 7 ġranet jgħaqqdu ġimgħa u mbagħad jgħaddi xahar u li 12-il xahar jgħaqqdu sena. Spjega wkoll li kull 3 xhur, ikollna staġun.
- Staqsi lit-tfal:



- Tafu tgħiduli kemm għandna staġuni?
- U liema huma?

**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**

- Uri l-*Powerpoint* **L-Erba' Staġuni** lit-tfal u spjegalhom il-punti importanti ta' kull staġun.
- Spjega s-*slides* kollha u  staqsi mistoqsijiet differenti relatati ma' kull staġun:
  - Liema hu l-istaġun li fih jibda jkollna aktar temp sabiħ?
  - X' jiġri mill-annimali fir-Rebbiegħa?
  - U xi ngħidu għall-pjanti u siġar?
  - Kif ikun it-temp fis-Sajf?
  - Għaliex ħafna nies iħobbu s-Sajf?
  - Liema staġun ikun imiss wara s-Sajf?



- Fiex tfakkarna l-Ħarifa? (fl-iskola)
- Kif ikun it-temp? X' jiġrilhom is-siġar u l-weraq?
- Liema staġun ikun imiss wara l-Ħarifa? Kif ikun it-temp f' dawn il-ġranet?
- X' festa kbira niċċelebraw? U wara l-Milied, x'jiġri? (nibdew sena ġdida fl-1 ta' Jannar)
- Kull staġun iġib miegħu temp differenti. Għaliex it-temp importanti li jinbidel? Ejja nsemmu kif temp differenti jgħinna fil-ħajja ta' kuljum.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.8.
- Ħalli t-tfal jieħdu gost bl-istampi li jsibu f'dawn il-paġni.
- Stidinhom ipinġu u għinhom jagħrfu liema staġun qed turi kull stampa. Għin lil dawk it-tfal li jsibuha diffiċli biex juzaw il-kuluri addattati li jmorru ma' kull stampa.
- Aqra Attività 2. Għen lit-tfal jagħrfu liema huma l-festa assoċjati mal-istampi:
    - Santa Marija – ix-Sajf,
    - Il-Milied – ix-Xitwa,
    - Il-qawmien ta' Ġesu '- ir-Rebbiegħa .
    - San Martin – il-Ħarifa.
- Iddiskuti l-Attivita ta' Sam u Tara u erġa rrevedi l- punti importanti li jmorru ma' kull staġun u l-importanza li kull staġun għandu għal saħħitna.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Alla tant iħobbna li ħasbilna għal kollox. Qasmilna s-sena f' erba' staġuni sabiex dejjem insibu dak li neħtieġu.
2. Ta' dan kollu, aħna għandna ngħidu grazzi.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

Kull staġun jgħinna sabiex ikollna ħajja aħjar billi nsibu dak li neħtieġu. L-istudenti japprezzaw l-istaġuni u japprezzaw ukoll il-ġurnata kif tkun u ma ngergrux jekk it-temp ma jkunx kif xtaqnieh aħna. Kull temp huwa bżonnjuż!



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**



**Nitolbu**

Mulej, inti tant tħobbna li ħsibtilna għal kollox. Tajtna l-istaġuni li jġibu magħhom temp differenti sabiex ikollna dak kollu li neħtieġu. Grazzi Mulej!

